SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

29 ta' Lulju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja – Kodiċi komunitarju dwar il-Viżi – Regolament (KE) Nru 810/2009 – Artikolu 5 – Stat Membru kompetenti biex jeżamina u jiddeċiedi dwar applikazzjoni għal viża – Artikolu 8 – Ftehim ta' Rappreżentanza – Artikolu 32(3) – Appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża – Stat Membru kompetenti biex jieħu deċiżjoni dwar l-appell f'każ ta' ftehim ta' rappreżentanza – Detenturi tad-dritt li jippreżentaw appell"

Fil-Kawża C-680/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-rechtbank Den Haag zittingsplaats Utrecht (Qorti ta' Den Haag, seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Novembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Diċembru 2017, fil-proċedura

Sumanan Vethanayagam,

Sobitha Sumanan,

Kamalaranee Vethanayagam

vs

Minister van Buitenlandse Zaken,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, R. Silva de Lapuerta (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, C. Toader, A. Rosas u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: M. Ferreira, amministratur prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Diċembru 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal S. Vethanayagam, S. Sumanan u K. Vethanayagam, minn M. J. A. Leijen, advocaat,

– għall-Gvern Olandiż, minn M. K. Bulterman u P. Huurnink, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, J. Vláčil u T. Müller kif ukoll minn A. Brabcová, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

– għall-Gvern Daniż, minn J. Nymann-Lindegren, kif ukoll minn M. Wolff u P. Ngo, bħala aġenti,

– għall-Gvern Estonjan,, minn N. Grünberg, bħala aġent,

– għall-Gvern Franċiż, minn D. Colas kif ukoll minn E. de Moustier u E. Armoet, bħala aġenti,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn F. De Luca, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Parlament Ewropew, minn G. Corstens u R. van de Westelaken kif ukoll minn O. Hrstková Šolcová, bħala aġenti,

– għall-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, minn E. Moro u S. Boelaert, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Cattabriga kif ukoll minn F. Wilman u G. Wils, bħala aġenti,

– għall-Gvern Svizzeru, minn E. Bichet, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2019,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 8(4) u 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU 2009, L 243, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1), u r-Rettifika (ĠU 2014, L 225, p. 91).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Sumanan Vethanayagam, Sobitha Sumanan u Kamalaranee Vethanayagam u l-Minister van Buitenlandse Zaken (il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il- "Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi"), dwar iċ-ċaħda ta' applikazzjonijiet għal viża għal żjara qasira fir-rigward ta' S. Vethanayagam u S. Sumanan.

Il-kuntest ġuridiku

Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-acquis ta' Schengen

3 Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU 2008 L 53, p. 52, iktar 'il quddiem il- "Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-acquis ta' Schengen") jiddikjara, fil-premessi tmienja u għaxra tiegħu:

" (8) Konvinti li huwa neċessarju li tiġi organizzata l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni prattika u l-iżvilupp ulterjuri tal-acquis ta' Schengen;

[…]

(10) Filwaqt li jqisu li l-kooperazzjoni ta' Schengen hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif garantiti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali tal-4 ta' Novembru 1950" [Traduzzjoni mhux uffiċjali].

4 Skont l-Artikolu 1(2) tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera għall-acquis ta' Schengen:

"Dan il-Ftehim joħloq drittijiet u obbligi reċiproċi skont il-proċeduri previsti fih."

5 L-Artikolu 2 ta' dan il-ftehim jipprevedi:

"1. Id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen kif elenkati fl-Anness A ta' dan il-Ftehim kif japplikaw għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn' il quddiem imsejħa 'Stati Membri', għandhom jiġu implimentati u applikati mill-Iżvizzera.

2. Sa fejn ikunu ħadu post u/jew żviluppaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni ffirmat f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990, iktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni tal-applikazzjoni ta' Schengen", jew ġew ordnati bis-saħħa tagħha, id-dispożizzjonijiet tal-atti tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea elenkati fl-Anness B għal dan il-Ftehim għandhom jiġu implimentati u applikati mill-Iżvizzera.

3. L-atti u l-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Annessi A u B, li għalihom ikunu ġew applikati l-proċeduri previsti f'dan il-Ftehim, għandhom ukoll, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, ikunu aċċettati, implimentati u applikati mill-Isvizzera."

Il-Kodiċi dwar il-Viżi

6 Il-premessi 4, 18, 28, 29 u 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddikjaraw:

"(4) L-Istati Membri għandhom ikunu preżenti jew rappreżentati għall-finijiet ta' viża fil-pajjiżi terzi kollha li ċ-ċittadini tagħhom huma suġġetti għal rekwiżiti ta' viża. L-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'pajjiż terz partikolari jew f'ċerta parti ta' pajjiż terz partikolari għandhom jimpenjaw ruħhom biex jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza sabiex jiġi evitat sforz sproporzjonat min-naħa tal-applikanti għal viżi biex ikollhom aċċess għal konsulati.

[…]

(18) Il-koperazzjoni lokali ta' Schengen hija kruċjali għall-applikazzjoni armonizzata tal-politika komuni dwar il-viżi u biex issir valutazzjoni tajba tar-riskji migratorji u/jew ta' sigurtà. Minħabba d-differenzi fiċ-ċirkostanzi lokali, l-applikazzjoni operattiva ta' dispożizzjonijiet leġislattivi partikolari għandha tkun evalwata fost il-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari tal-Istati Membri f'postijiet individwali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet leġislattivi biex jiġu evitati il-visa shopping u trattament differenti tal-applikanti għal viża.

[…]

(28) Ladarba l-għan dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-proċeduri u kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu minn jew soġġorni previsti fit-territorju tal-Istati Membri […] ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u għaldaqstant jista' jinkiseb aħjar fil-livell

Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, konformement mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.

(29) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

[…]

(34) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-[Ftehim dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera għall-acquis ta' Schengen], li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, B tad-Deċiżjoni [tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU 1999 L 176, p. 31),] moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni [tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008] dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim [(ĠU 2008 L 53, p. 1)]."

7 L-Artikolu 1 tal-Kodiċi dwar il-Viżi huwa fformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri jew soġġorni previsti fihom, li ma jeċċedux id-90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum."

8 Skont l-Artikol 2(2) ta' dan il-kodiċi:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(2) 'viża' tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru bl-għan ta':
   (a) tranżitu mit-territorju tal-Istati Membri jew soġġorn previst fihom ta' tul ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum;
   (b) tranżitu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali tal-ajruporti tal-Istati Membri;

[…]"

9 L-Artikolu 4(1) tal-imsemmi kodiċi huwa b'hekk ifformulat:

"L-applikazzjonijiet għal viża għandhom jiġu eżaminati mill-konsulati li għandhom ukoll jieħdu deċiżjoni dwarhom."

10 L-Artikolu 5 tal-istess kodiċi jipprevedi:

"1. L-Istat Membru kompetenti biex jeżamina applikazzjoni għal viża uniformi u jieħu deċiżjoni dwarha għandu jkun:

(a) l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jikkostitwixxi d-destinazzjoni unika taż-żjara(t),

[…]

4. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jipprevjenu li applikazzjoni ma tkunx tista' tiġi eżaminata u tittieħed deċiżjoni dwarha minħabba li l-Istat Membru li huwa kompetenti skont il-paragrafi 1 sa 3 la huwa preżenti u lanqas huwa rappreżentat fil-pajjiż terz fejn l-applikant jippreżenta l-applikazzjoni skont l-Artikolu 6."

11 L-Artikolu 6 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, intitolat "Kompetenza territorjali konsulari", jiddikjara, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Applikazzjoni għal viża għandha tiġi eżaminata u tittieħed deċiżjoni dwarha mill-konsulat tal-Istat Membru kompetenti li l-applikant jirresjedi legalment fil-gurisdizzjoni tiegħu."

12 Skont l-Artikolu 8 ta' dan il-kodiċi dwar l-arranġamenti dwar rappreżentanza:

"1. Stat Membru jista' jaqbel li jirrappreżenta Stat Membru ieħor li hu kompetenti skont l-Artikolu 5 għall-fini li jeżamina l-applikazzjonijiet u joħroġ il-viżi f'isem dak l-Istat Membru. Stat Membru jista' wkoll jirrappreżenta Stat Membru wieħed jew aktar b'mod limitat biss għall-ġbir tal-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi.

2. Meta jikkunsidra li jiċħad viża, il-konsulat tal-Istat Membru li qed jirrappreżenta għandu jippreżenta l-applikazzjoni lill-awtoritajiet relevanti tal-Istat Membru rappreżentat sabiex huma jkunu jistgħu jieħdu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 23(1), (2) jew (3).

[…]

4. Għandu jiġi stabbilit arranġament bilaterali bejn l-Istat Membru rappreżentant u l-Istat Membru rappreżentat li fih l-elementi li ġejjin:

(a) għandu jispeċifika t-tul ta' tali rappreżentanza, anki jekk temporanju, u l-proċeduri għat-tmiem tagħha;

(b) għandu [jkun] jista', b'mod partikolari meta l-Istat Membru rappreżentat ikollu konsulat fil-pajjiż terz ikkonċernat, jipprovdi għal uffiċċji, persunal u ħlasijiet mill-Istat Membru rappreżentat;

(c) għandu [jkun] jista' jistabbilixxi li l-applikazzjonijiet minn ċerti kategoriji ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu trasmessi mill-Istat Membru rappreżentant lill-awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru rappreżentat għal konsultazzjoni minn qabel, kif previst fl-Artikolu 22;

(d) b'deroga mill-paragrafu 2, għandu [jkun] jista' jawtorizza lill-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant li jiċħad il-ħruġ ta' viża wara l-eżami tal-applikazzjoni.

5. L-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'pajjiż terz għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza ma' Stati Membri li għandhom konsulati f'dak il-pajjiż.

6. Bil-ħsieb li jkun żgurat li infrastruttura ta' trasport fqira jew distanzi twal f'reġjun speċifiku jew żona ġeografika ma jeħtieġux sforz sproporzjonat min-naħa tal-applikanti tal-viża biex ikollhom aċċess għal konsulat, l-Istati Membri li m'għandhomx konsulat tagħhom stess f'dak ir-reġjun jew dik iż-żona għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkonkludu arranġamenti dwar rappreżentanza mal-Istati Membri li għandhom konsulati f'dak ir-reġjun jew dik-iż-żona.

[…]"

13 L-Artikolu 32(3) tal-imsemmi kodiċi jipprovdi:

"L-applikanti li tkun inċaħditilhom viża għandu jkollhom id-dritt għall-appell. L-appelli għandhom jitmexxew kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni u skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-applikanti b'informazzjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' appell, kif speċifikat fl-Anness VI."

14 Skond l-Artikolu 47(1) tal-istess kodiċi:

"L-awtoritajiet ċentrali u l-konsulati tal-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-pubbliku ġenerali bl-informazzjoni rilevanti kollha f'relazzjoni mal-applikazzjoni għal viża, b'mod partikolari:

[…]

(h) li d-deċiżjonijiet negattivi dwar applikazzjonijiet għal viża għandhom ikunu nnotifikati lill-applikant, li tali deċiżjonijiet għandhom jagħtu r-raġunijiet li fuqhom huma bbażati u li l-applikanti li jkollhom l-applikazzjonijiet imċaħda għandu jkollhom dritt ta' appell, b'informazzjoni rigward il-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' appell, inkluża l-awtorità legali kompetenti, kif ukoll l-iskadenza ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appell;

[…]"

Manwal dwar il-Viżi

15 Il-Manwal għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għall-viża u l-modifika ta' viżi maħruġa stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 1620 finali, tad-19 ta' Marzu 2010, jispjega li "għall-fini tal-Kodiċi dwar il-Viżi u ta' dan il-Manwal, it-terminu 'Stat Membru' jindika lil dawk l-Istati Membri li japplikaw b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen kif ukoll l-Istati assoċjati, u 'it-territorju tal-Istati Membri' jindika t-territorju […] tal- 'Istati Membri' msemmija hawn fuq."

Il-Ftehim ta' rappreżentazzjoni konkluż bejn ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Konfederazzjoni Svizzera

16 Il-ftehim ta' rappreżentanza konkluż bejn ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Konfederazzjoni Svizzera li kien applikabbli fil-mument tal-fatti kien daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2014. Jispeċifika li l-Konfederazzjoni Svizzera ser tirrappreżenta lill-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward tat-tipi kollha ta' viżi ta' Schengen, *inter alia*, fis-Sri Lanka.

17 Skont il-Punt 2 ta' dak il-ftehim, ir-"rappreżentanza" tikkonsisti, *inter alia*, "li l-ħruġ ta' viża jiġi miċħud meta jseħħ, f'konformità mal-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi u li jiġu eżaminati appelli, skont il-liġi nazzjonali tal-Parti rappreżentanti (Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi) […]".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18 S. Vatayagam u S. Sumanan, ta' nazzjonalità Sri Lankiża, miżżewġa u residenti fi Sri Lanka, kull wieħed ippreżenta, fis-16 ta' Awwissu 2016, applikazzjoni għal viża għal żjara qasira lill-Pajjiżi l-Baxxi bil-għan li jżuru lil K. Vethanaygam, ta' nazzjonalità Olandiża residenti f'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi). Dawn l-applikazzjonijiet saru permezz ta' VFS Global, fornitur ta' servizzi, mingħand il-Konsulat Svizzeru f'Colombo (is-Sri Lanka) abbażi tal-ftehim ta' rappreżentazzjoni konkluż bejn ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Konfederazzjoni Svizzera.

19 Permezz ta' deċiżjonijiet tad-19 ta' Awwissu 2016, l-awtoritajiet konsulari Svizzeri li jaġixxu fir-rappreżentazzjoni tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ċaħdu l-applikazzjonijiet għal viża minħabba li S. Vatayagam u S. Suman ma tawx prova li kellhom mezzi suffiċjenti ta' sussistenza, kemm għat-tul taż-żjara prevista kif ukoll biex jiżguraw ir-ritorn tagħhom lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

20 S. Vatayagam u S. Sumanan appellaw kontra dawn id-deċiżjonijiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi. Dan iddikjara ruħu li ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni biex jieħu konjizzjoni ta' dan l-appell permezz ta' deċiżjonijiet tat-28 ta' Settembru 2016.

21 Barra minn hekk, l-ilment imressaq quddiem l-awtoritajiet Svizzeri mill-persuni kkonċernati mid-deċiżjonijiet tad-19 ta' Awwissu 2016 ġie miċħud b'deċiżjoni tas-Staatssekretariat für Migration (is-Segretarjat tal-Istat għall-Migrazzjoni, l-Isvizzera) fit-2 ta' Diċembru 2016. Il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, l-Isvizzera) irrifjutat, preliminarjament, it-talba tar-rikorrenti biex jingħataw aċċess ħieles għall-proċedura u rrifjutat li teżamina l-appell kontra dik id-deċiżjoni minħabba n-nuqqas ta' ħlas tas-somma meħtieġa bħala dispożizzjoni.

22 S. Vatayagam u S. Sumanayagam, kif ukoll K. Vethanayaham, bħala persuna ta' riferiment, ippreżentaw applikazzjoni ġdida għal viża għal żjara qasira lill-Visadienst (servizz tal-viża, il-Pajjiżi l-Baxxi) dwar l-ewwel żewġ viżi. Din it-talba ġiet miċħuda minn deċiżjoni tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi tat-18 ta' Ottubru 2016.

23 B'deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2016, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi rrifjuta bħala inammissibbli l-ilment imressaq mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kontra d-deċiżjoni tat-18 ta' Ottubru 2016.

24 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentaw rikors ġudizzjarju mar-Rechtbank den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) kontra d-deċiżjonijiet tat-28 ta' Settembru 2016 u tat-23 ta' Novembru 2016, u sostnew li kien f'idejn ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li jeżamina l-ilmenti tagħhom u l-applikazzjonijiet għall-viżi u li l-Konfederazzjoni Svizzera intervjeniet biss bħala rappreżentanta tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. L-atturi fil-kawża prinċipali jikkunsidraw li, skont id-dritt tal-Unjoni, huma kienu intitolati li jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-viża mal-pajjiż tad-destinazzjoni prinċipali tagħhom, u jsostnu li l-fatt li l-applikazzjoni sħiħa tal-proċeduri ta' applikazzjoni għall-viża għal Stat ieħor tmur kontra l-prinċipju ta' rimedju effettiv imsemmi fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem "il-Karta").

25 Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Pajjiżi l-Baxxi jargumenta li huwa ma kienx kompetenti biex jiddeċiedi dwar applikazzjonijiet għall-viża mill-atturi fil-kawża prinċipali.

26 L-ewwel nett, il-kompetenza biex jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet għall-viża sottomessi lis-Sri Lanka kienet tkun, abbażi tal-Artikolu 8(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi u n-Nota Verbali bbażata fuq dik id-dispożizzjoni, trasferita lill-Konfederazzjoni Svizzera.

27 Fit-tieni lok, peress li l-awtoritajiet konsulari Svizzeri f'Colombo kienu kompetenti li jċaħħdu viża, l-atturi fil-kawża prinċipali kellhom jippreżentaw ir-rikors tagħhom skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi kontra l-Konfederazzjoni Svizzera bħala l-Istat li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjonijiet tagħhom.

28 It-tielet nett, l-applikazzjonijiet għal viża minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fis-Sri Lanka ma setgħux jiġu ppreżentati direttament quddiem is-servizz tal-viżi fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-fatt, peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa rrappreżentat fis-Sri Lanka mill-Konfederazzjoni Svizzera, tali talbiet għandhom isiru, skont l-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, quddiem l-awtoritajiet konsulari Svizzeri.

29 F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Kodiċi dwar il-Viżi fir-rigward, l-ewwel nett, tal-pożizzjoni tal-persuna ta' riferiment fil-proċeduri tal-viża, imbagħad il-kunċett ta' "rappreżentazzjoni" u, fl-aħħar nett, il-kompatibbiltà tas-sistema ta' rappreżentanza konsulari fir-rigward tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi ir-Rechtbank Den Haag, zittingsplaats Utrecht (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, seduta f'Utrecht, il-Pajjiżi l-Baxxi) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) L-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprekludi li, inkwantu parti kkonċernata fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-ażil tal-applikanti, persuna ta' riferiment ikollha f'isimha stess possibbiltà ta' kontestazzjoni u ta' appell kontra d-deċiżjoni ta' rifjut ta' din il-viża?

2) Ir-rappreżentanza, hekk kif irregolata fl-Artikolu 8(4) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għandha tinftiehem fis-sens li r-responsabbiltà hija oneru (ukoll) tal-Istat irrappreżentat jew fis-sens li r-responsabbiltà hija għalkollox ittrasferita lill-Istat rappreżentant, b'mod li l-Istat irrappreżentat ma huwiex huwa stess iktar kompetenti?

3) Fil-każ fejn l-Artikolu 8(4) *initio* u (d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jippermetti ż-żewġ tipi ta' rappreżentanza msemmija fit-tieni domanda preliminari, liema huwa l-Istat Membru li għandu jitqies bħala l-Istat Membru li ħa d-deċiżjoni finali fis-sens tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi?

4) Interpretazzjoni tal-Artikolu 8(4) u tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li tipprovdi li l-applikanti għal viżi jistgħu unikament jippreżentaw l-appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-applikazzjonijiet tagħhom quddiem korp amministrattiv jew ġudizzjarju tal-Istat Membru rappreżentant u mhux fl-Istat Membru irrappreżentat li fir-rigward tiegħu saret applikazzjoni għall-viża, hija konformi mad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fis-sens tal-Artikolu 47 tal-[Karta]? Għal risposta għal din id-domanda, huwa rilevanti li r-rimedju ġudizzjarju żgurat jiggarantixxi li l-applikant għandu dritt għal smigħ, li għandu dritt li jippreżenta r-rikors f'lingwa ta' wieħed mill-Istati Membri, li l-ammont tal-ispejjeż amministrattivi u dawk legali għal proċeduri ta' appell u ta' kontestazzjoni ma jkunux sproporzjonalment għolja għall-applikant u li teżisti possibbiltà ta' għoti ta' għajnuna legali? Għal risposta għal din id-domanda, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istat Membru għandu fil-qasam ta' viża, hija rilevanti l-kwistjoni dwar jekk qorti [Svizzera] għandhiex għarfien suffiċjenti tas-sitwazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tkun tista' tipprovdi protezzjoni ġudizzjarja effettiva?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

31 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lill-persuna ta' riferiment li tippreżenta rikors f'isimha stess kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.

Fuq l-ammissibbiltà

32 Preliminarjament, il-Kummissjoni Ewropea tikkontesta l-ammissibbiltà tal-ewwel domanda għal deċiżjoni preliminari billi targumenta li l-leġiżlazzjoni Olandiża ma tkunx applikabbli għall-kawża prinċipali minħabba li kienu l-awtoritajiet Svizzeri u mhux Olandiżi li adottaw, f'dan il-każ, id-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni għall-viża.

33 Tali argument ma jistax jintlaqa'.

34 Min-naħa l-waħda, għandu jiġi rrilevat li d-determinazzjoni tal-Istat li miegħu għandha tiġi ppreżentata appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-viża skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, hija waħda mill-kwistjonijiet li hija s-suġġett ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, sabiex ir-risposta għal dik id-domanda ma tkunx tista'tiġi antiċipata fil-kuntest ta' analiżi tal-ammissibbiltà tal-ewwel domanda għal deċiżjoni preliminari.

35 Min-naħa l-oħra, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha titressaq it-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tintervjeni biex tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirreferu għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-prinċipju, hija marbuta li tieħu deċiżjoni (sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Síochána, C-378/17, EU:C:2018:979, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Minn dan isegwi li d-domandi dwar id-dritt tal-Unjoni jgawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti deċiżjoni dwar domanda għal deċiżjoni preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha l-ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew ukoll meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex għad-dispożizzjoni tagħha l-punti ta' fatt u ta' liġi meħtieġa sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, Minister for Justice and Equality u Commissioner of An Garda Síochána, C-378/17, EU:C:2018:979, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

37 F'dan il-każ, l-ewwel domanda msemmija għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar jekk il-persuna ta' riferiment jkollhiex *locus standi* kontra deċiżjoni li tiċħad viża fil-kuntest tal-appell previst fl-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

38 Barra minn hekk, minbarra li d-deċiżjoni ta' rinviju tesponi l-isfond fattwali u legali b'mod suffiċjenti biex tippermetti li tiddetermina l-portata tad-domanda magħmula, ma jidhirx li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha x'taqsam xejn mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali jew li l-problema hija ta' natura ipotetika.

39 Fil-fatt, kif joħroġ ċar mid-deċiżjoni ta' rinviju, K. Vetanatagam, il-persuna ta' riferiment, rispettivament oħt u oħt ir-raġel tal-applikanti għal viża, li hija residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, ippreżentat, bħal dawn, appell kontra ċ-ċaħda mid-dipartiment tal-viża, tal-applikazzjoni għal viża għall-benefiċċju ta' dawn tal-aħħar.

40 Konsegwentement, jidher li hija meħtieġa risposta mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni mitluba mill-qorti ta' rinviju sabiex din tal-aħħar tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha.

41 L-ewwel domanda preliminari hija, konsegwentement, ammissibbli.

Fuq il-mertu

42 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni mhux biss it-termini tagħhom, iżda wkoll l-kuntest tagħhom u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni li huma jifformaw partijiet minnhom (sentenza tas-7 ta' Frar 2018, American Express, C-304/16, EU:C:2018:66, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 L-ewwel nett, fir-rigward tat-termini tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, l-ewwel sentenza ta' dik id-dispożizzjoni tiddikjara li "[l]-applikanti li tkun inċaħditilhom viża għandu jkollhom id-dritt għall-appell". B'hekk jirriżulta mit-termini tal-imsemmija dispożizzjoni li d-dritt għal preżentazzjoni ta' appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża huwa espressament rikonoxxut lill-applikant għal viża kkonċernat.

44 Ir-rikonoxximent ta' dan id-dritt ma huwiex ikkontradett mill-fatt li t-tieni sentenza tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi tipprevedi li l-appell kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża għandu jiġi ppreżentat kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali "skont il-liġi nazzjonali ta' dak l-Istat Membru".

45 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, billi tirreferi b'hekk għal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, il-leġiżlatur tal-Unjoni ħalla f'idejhom biex jiddeċiedu kemm in-natura kif ukoll l-arranġamenti prattiċi għall-mezzi ta' rimedju ġudizzjarju disponibbli għall-applikanti tal-viża (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punt 25).

46 Minn dan isegwi li r-referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri hija limitata għal-leġiżlazzjoni ta' arranġamenti proċedurali, filwaqt li d-determinazzjoni tal-persuna li jkollha d-dritt li tippreżenta appell hija espressament prevista fl-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

47 It-tieni, din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mill-kuntest tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. F'dan ir-rigward, isegwi mill-Artikolu 47(1)(h) ta' dak il-kodiċi li l-awtoritajiet ċentrali tal-Istati Membri u l-konsulati tagħhom għandhom jikkomunikaw lill-pubbliku l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-applikazzjoni għal viża, b'mod partikolari l-fatt li d-deċiżjonijiet ta' ċaħda għandhom jiġu nnotifikati lill-applikanti u lil dawk li għandhom dritt ta' appell.

48 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Anness VI tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-formola standard li hemm għan-notifika u għall-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' ċaħda, ta' annullament jew ta' revoka ta' viża hija indirizzata lill-applikant jew lid-detentur tal-viża. Din il-formola fiha wkoll lista ta' raġunijiet li jistgħu, skont l-Artikolu 32(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, jiġġustifikaw deċiżjoni ta' ċaħda. Minn dan isegwi li tali deċiżjoni għandha tkun motivata biss minn raġunijiet speċifiċi għall-applikant għall-viża.

49 Fil-fatt, wara li tkun indikat, fuq il-formola li għandha timla, li hija, skont il-każ, "eżaminat [l-]applikazzjoni għall-viżi" jew "eżaminat [il-] viża", l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika r-raġuni/jiet li jiġġustifika/w iċ-ċaħda, ir-revoka jew l-annullament tal-viża, fost il-ħdax li jidhru fil-formola, jiġifieri: id-dokument tal-ivvjaġġar ippreżentat mill-applikant huwa falz; il-finijiet u l-kundizzjonijiet għas-soġġorn previst ma humiex iġġustifikati; l-applikant ma pprovdiex prova li għandu mezzi suffiċjenti ta' sussistenza għat-tul tas-soġġorn; l-applikant diġà qgħad għal 90 jum waqt il-perijodu attwali ta' 180 jum tit-territorji tal-Istati Membri abbażi ta' viża uniformi jew ta' viża b'validità territorjali limitata; l-applikant kien is-suġġett ta' twissija għall-finijiet ta' ċaħda ta' dħul fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS); Stat Membru jew iktar jikkunsidraw li l-applikant jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà interna, is-saħħa pubblika, jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' Stat Membru jew iktar; l-applikant ma pprovdiex prova tal-pussess ta' assigurazzjoni medika tal-ivvjaġġar valida; l-informazzjoni ppreżentata mill-applikant rigward il-ġustifikazzjoni għall-finijiet u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn ma kinitx affidabbli; l-intenzjoni tal-applikant tat-tluq tiegħu mit-territorju tal-Istati Membri qabel l-iskadenza tal-viża ma setgħetx tiġi

aċċertata; l-applikant ma pprovdiex provi suficjenti li jikkonfermaw li ma kienx f'pożizzjoni li japplika għal viża minn qabel, li tiġġustifika applikazzjoni għal viża fil-fruntiera, u r-revoka tal-viża ntalbet mid-detentur tal-viża.

50 Isegwi, għalhekk, mill-kuntest li fih l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi japplika li d-detentur tad-dritt ta' appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża huwa l-applikant għall-viża.

51 It-tielet, fir-rigward tal-għanijiet segwiti mill-Kodiċi dwar il-Viżi, jirriżulta mill-Artikolu 1 ta' dak il-kodiċi, li jinqara fid-dawl tal-premessi (18) u (28) tiegħu, li l-għan tal-kodiċi huwa, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tal-politika komuni dwar il-viżi, li jiġu stabbiliti l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal tranżitu minn jew soġġorni previsti fit-territorju tal-Istati Membri ta' mhux iktar minn 90 jum fi kwalunkwe perijodu ta' 180 jum.

52 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 2(2)(a) u (b) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-viża hija definita bħala awtorizzazzjoni mogħtija minn Stat Membru bl-għan, jew tat-tranżitu jew tas-soġġorn previst fit-territorju tal-Istati Membri, għal perijodu totali ta' mhux iktar minn 90 jum f'kull perijodu ta' 180 jum, jew inkella ta' tranżitu miż-żona internazzjonali ta' tranżitu tal-ajruporti tal-Istati Membri. Isegwi, għaldaqstant, minn dik l-awtorizzazzjoni li jeżistu drittijiet speċifiċi favur l-applikant għall-viża.

53 Sa fejn l-appell imsemmi fl-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandu l-għan li jemenda d-deċiżjoni li tiċħad il-viża, huwa l-applikant għall-viża, bħala d-destinatarju tad-deċiżjoni, li għandu interess dirett u speċifiku biex jippreżenta rikors kontriha.

54 Tali konstatazzjoni ma tipprekludix, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li l-Istati Membri, meta jiddeterminaw in-natura u d-dettalji prattiċi tar-rimedji ġudizzjarji disponibbli għall-applikanti għal viża, jawtorizzaw lill-persuna ta' riferiment biex tintervjeni, flimkien mal-applikant għall-viża, fil-proċedura ta' appell imsemmija fl-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

55 Madankollu, fid-dawl ta' dak li ġie deċiż fil-punt 47 ta' din is-sentenza, il-persuna ta' riferiment tista' tintervjeni biss bħala parti subordinata u anċillari tal-applikant għall-viża, u mhux b'mod indipendenti.

56 Barra minn hekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi ma jipprekludix lanqas lid-destinatarju ta' deċiżjoni li tiċħad l-viża li jawtorizza parti terza biex tirrappreżentah fil-qorti.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lill-persuna ta' riferiment li tippreżenta appell f'isimha stess kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

58 Permezz tat-tieni u t-tielet domandi tagħha, li għandhom jingħataw risposta flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, fejn hemm ftehim ta' rappreżentazzjoni bilaterali li jipprevedi li l-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru rappreżentant jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda ta' viża, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat li jiddeċiedu dwar appelli ppreżentati kontra deċiżjoni li tiġi miċħuda viża.

59 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, għandu jiġi rrilevat li t-Titolu III tal-Kodiċi dwar il-Viżi jistabbilixxi l-istandards għall-proċeduri u għall-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-viżi.

60 Sa fejn dawk l-istandards jirreferu għall-Istati Membri, huma għandhom japplikaw ukoll għall-Konfederazzjoni Svizzera, kif jidher, *inter alia*, mill-Artikolu 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' Schengen, moqri fid-dawl tal-premessa 34 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

61 Issa, l-ewwel nett, mill-Artikolu 4(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jirriżulta li l-applikazzjonijiet għall-viża jiġu eżaminati, fil-prinċipju, mill-konsulati.

62 Sussegwentement, fir-rigward tal-Istat Membru kompetenti biex jeżamina u jiddeċiedi dwar applikazzjoni għall-viża uniformi, l-Artikolu 5(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jindika, jew l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jikkostitwixxi d-destinazzjoni unika tal-vjaġġ(i), jew, jekk il-vjaġġ jinvolvi iktar minn destinazzjoni waħda, l-Istat Membru li t-territorju tiegħu jikkostitwixxi d-destinazzjoni prinċipali tal-vjaġġ(i) f'termini ta' tul jew skop tas-soġġorn jew, jekk id-destinazzjoni prinċipali ma tistax tiġi ddeterminata, l-Istat Membru li l-applikant bi ħsiebu jidħol fit-territorju tal-Istati Membri mill-fruntiera esterna tiegħu.

63 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ġurisdizzjoni territorjali konsulari, isegwi mill-Artikolu 6(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi li l-applikazzjonijiet għal viża għandhom, fil-prinċipju, jiġu ppreżentati fil-konsulat tal-Istat kompetenti li fit-territorju konsulari tiegħu l-applikant ikun legalment residenti.

64 Madankollu, isegwi mill-Artikolu 8(5) u (6) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, moqri fid-dawl tal-premessa 4 tiegħu, li sabiex jiġi evitat sforz sproporzjonat mill-applikanti għal viża biex jivvjaġġaw lejn konsulati, l-Istati Membri li ma għandhomx konsulat tagħhom stess f'pajjiż terz jew parti minn pajjiż terz għandhom jagħmlu ħilithom biex jikkonkludu ftehimiet ta' rappreżentazzjoni.

65 Għal dan il-għan, l-Artikolu 8 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddikjara b'mod espliċitu li l-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehimiet bilaterali bejniethom li permezz tagħhom wieħed jaqbel li jirrappreżenta lill-ieħor fil-kuntest tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu dwar l-applikazzjonijiet għal viża.

66 Jibqa' l-fatt li l-Artikolu 8 jipprovdi, fir-rigward tal-portata tar-rappreżentazzjoni, għal sitwazzjonijiet differenti skont id-deċiżjoni prevista dwar l-applikazzjoni għall-viża u t-termini tal-ftehim ta' rappreżentazzjoni.

67 Minn naħa waħda, fil-każ fejn huwa previst li l-applikazzjoni għall-viża tiġi rċevuta, l-Artikolu 8(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddikjara li "Stat Membru jista' jaqbel li jirrappreżenta Stat Membru ieħor li hu kompetenti skont l-Artikolu 5 għall-fini li jeżamina l-applikazzjonijiet u joħroġ il-viżi f'isem dak l-Istat Membru", u jżid li "Stat Membru jista' wkoll jirrappreżenta Stat Membru wieħed jew aktar b'mod limitat biss għall-ġbir tal-applikazzjonijiet u r-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi".

68 Konsegwentement, fil-każ tal-ħruġ ta' viżi, l-Artikolu 8(1) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprevedi żewġ livelli ta' rappreżentanza, jiġifieri l-ewwel livell, li jinkludi l-eżami u l-ħruġ tal-viża, u t-tieni livell, iktar limitat, li huwa limitat għar-riċeviment ta' applikazzjonijiet.

69 Min-naħa l-oħra, f'każijiet fejn id-deċiżjoni prevista hija ċ-ċaħda tal-viża, l-Artikolu 8 tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprevedi wkoll żewġ livelli differenti ta' rappreżentanza, fejn l-ewwel waħda għandha valur ta' regola ġenerali, l-oħra ta' regola speċjali

70 Fir-rigward tar-regola ġenerali, l-Artikolu 8(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jiddikjara li, meta jipprevedi li tiġi rrifjutata applikazzjoni għal viża, il-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant għandu jissottometti l-applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rappreżentat, sabiex dawn jieħdu deċiżjoni finali dwar din l-applikazzjoni.

71 Fir-rigward tar-regola speċjali, l-Artikolu 8(4)(d) tal-imsemmi Kodiċi jipprevedi li, b'deroga mir-regola ġenerali, il-ftehim ta' rappreżentazzjoni bilaterali stabbilit bejn żewġ Stati Membri jista' jippermetti li l-konsulat tal-Istat Membru rappreżentant jirrifjuta li joħroġ viża wara li jeżamina l-applikazzjoni.

72 Fi kliem ieħor, fil-każ fejn l-Istat Membru, li jaġixxi bħala rappreżentant, iqis li applikazzjoni għal viża għandha tiġi miċħuda, huwa għandu, fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni għall-kuntrarju fil-ftehim ta' rappreżentazzjoni bilaterali, jissottometti dik l-applikazzjoni lill-awtoritajiet tal-Istat Membru rappreżentat. Dawn tal-aħħar għandhom ir-responsabbiltà li jieħdu d-deċiżjoni finali. Min-naħa l-oħra, huwa f'idejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru rappreżentant li jiċħdu l-applikazzjoni għall-viża u, għalhekk, li jieħdu d-deċiżjoni finali meta l-ftehim ta' rappreżentazzjoni bilaterali hekk jipprevedi.

73 Konsegwentement, sa fejn l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi jipprevedi li l-appelli kontra deċiżjoni li tiċħad viża, għandhom jiġu ppreżentati kontra l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, id-determinazzjoni tal-Istat kompetenti sabiex jieħu d-deċiżjoni finali u, sussegwentement, li kontrih għandu jiġi ppreżentat rikors jiddependi, fil-każ ta' ftehim ta' rappreżentazzjoni bejn żewġ Stati Membri, fuq it-termini ta' dak il-ftehim.

74 F'dan il-każ, sa fejn it-territorju tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kien jikkostitwixxi l-unika destinazzjoni tal-vjaġġ tal-applikanti fil-kawża prinċipali, fin-nuqqas ta' ftehim ta' rappreżentazzjoni, l-applikazzjonijiet għal viża kellhom jiġu ppreżentati, abbażi tal-Artikoli 5 u 6 tal-Kodiċi dwar il-Viżi, fil-konsulat ta' dak l-Istat Membru fis-Sri Lanka. Madankollu, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma għandux konsulat tiegħu f'dak il-pajjiż, fl-1 ta' Ottubru 2014, huma kkonkludew ftehim ta' rappreżentazzjoni mal-Konfederazzjoni Svizzera. Dan ippermetta lill-applikanti fil-kawża prinċipali jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għal viża għal żjara qasira fil-Pajjiżi l-Baxxi lill-Konsulat Svizzeru f'Colombo.

75 Issa, dak il-ftehim jipprevedi li, meta tkun qed tirrappreżenta lill-Pajjiżi l-Baxxi, huwa f'idejn il-Konfederazzjoni Svizzera, b'mod partikolari li "tiċħad li toħroġ viżi fejn xieraq, skont l-Artikolu 8(4)(d) tal-Kodiċi dwar il-Viżi", u li "teżamina l-appell skont il-liġi nazzjonali tal-parti li taġixxi fir-rappreżentanza".

76 Konsegwentement, sa fejn, fuq il-bażi tal-imsemmi ftehim, kien f'idejn il-Konfederazzjoni Svizzera li tieħu d-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjonijiet sottomessi mill-atturi fil-kawża prinċipali għall-viżi għal żjara qasira, kien ukoll l-ewwel Stat kompetenti li jieħu konjizzjoni tal-appelli ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet ta' ċaħda ta' viża, skont l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

77 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni u t-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fejn ikun hemm ftehim bilaterali ta' rappreżentazzjoni li jipprevedi li l-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru rappreżentant jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda ta' viża, huma l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat li jiddeċiedu dwar appelli kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.

Fuq ir-raba' domanda

78 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, jekk l-interpretazzjoni magħquda tal-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li skonthom l-appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża għandu jiġi ppreżentat kontra l-Istat rappreżentant, huwiex kompatibbli mad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

79 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar il-Viżi, inkluż id-dritt għal appell previst fl-Artikolu 32(3) ta' dak il-kodiċi, trid tiġi interpretata, kif jirriżulta mill-premessa 29 ta' dan l-istess kodiċi, f'konformità mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") u mill-Karta.

80 Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, li għalih jirreferi t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, jikkostitwixxi, fil-fatt prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie stabbilit mill-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB, u li issa huwa ddikjarat fl-Artikolu 47 tal-Karta (sentenza tal-27 ta' Frar 2018, Associação Sindal dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 35).

81 Fil-kuntest partikolari tal-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, huwa l-obbligu ta' kull Stat Membru li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, billi jiddetermina n-natura u l-arranġamenti tal-appell kontra d-deċiżjonijiet ta' ċaħda ta' viża, fir-rispett tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, El Hassani, C-403/16, EU:C:2017:960, punti 25 u 42),

82 Konsegwentement, l-Istat li kontrih irid jiġi ppreżentat l-appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża huwa, skont it-termini tal-ftehim tar-rappreżentazzjoni, l-Istat rappreżentant kemm jekk huwa l-Istat rappreżentant, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt tal-applikanti għall-viża għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għandhom jiġu żgurati.

83 B'mod partikolari, il-fatt li d-deċiżjoni finali ta' ċaħda ta' viża tiġi adottata, bħal fil-każ inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mill-Istat rappreżentant ma jaffettwax l-obbligu li jiġi rrispettat tali dritt.

84 F'dan ir-rigward, kif iddikjarat fil-premessa 34 tiegħu, il-Kodiċi dwar il-Viżi jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu msemmi fl-Artikolu 1(B) tad-Deċiżjoni 1999/437 moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2008/146.

85 Skont l-imsemmi kodiċi, il-Konfederazzjoni Svizzera tista' toħroġ viżi uniformi li huma validi għaż-żona kollha ta' Schengen.

86 Issa, għalkemm il-Konfederazzjoni Svizzera ma hijiex Stat Membru tal-Unjoni, mhijiex biss membru tal-Kunsill tal-Ewropa mis-6 ta' Mejju 1963, parti għall-KEDB, iżda fuq kollox Stat Assoċjat fuq il-bażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-acquis ta' Schengen, li jipprevedi, fl-10 premessa tiegħu jiddikjara li "l-kooperazzjoni ta' Schengen hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif garantiti b'mod partikolari mill- [KEDB]".

87 Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-acquis ta' Schengen joħloq, kif joħroġ ċar mill-Artikolu 1(2) tiegħu, id-drittijiet u l-obbligi reċiproċi, b'mod li l-Konfederazzjoni Svizzera għandha, kif previst fl-Artikolu 2 ta' dak il-ftehim, timplimenta d-dispożizzjonijiet kollha tal-acquis ta' Schengen skont il-proċeduri previsti fih.

88 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun li interpretazzjoni magħquda tal-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li jgħid li l-appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża għandu jiġi ppreżentat kontra l-Istat rappreżentanti, huwa kompatibbli mad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fuq l-ispejjeż

89 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 610/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 182, p. 1), u r-Rettifika (ĠU 2014, L 225, p. 91), għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lill-persuna ta' riferiment li tippreżenta appell f'isimha stess kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.**

2) **L-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, kif emendat bir-Regolament Nru 610/2013, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fejn ikun hemm ftehim bilaterali ta' rappreżentazzjoni li jipprevedi li l-awtoritajiet konsulari tal-Istat Membru rappreżentant jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet dwar iċ-ċaħda ta' viża, huma l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat li jiddeċiedu dwar appelli kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża.**

3) **Interpretazzjoni magħquda tal-Artikolu 8(4)(d) u l-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 810/2009, kif emendat bir-Regolament Nru 610/2013, li jgħid li l-appell kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' viża għandu jiġi ppreżentat kontra l-Istat rappreżentanti, huwa kompatibbli mad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.**

Firem